MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KEVIN MOMPALAO**

Seduta tad-29 ta' April, 2013

Talba Numru. 3/2013

Koperattiva Ghawdxija tal-Indafa Pubblika Limitata

Vs

Xuereb Glass Company Limited (C-23471)

It-Tribunal

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-koperattiva attrici talbet illi l-kumpanija konvenuta tigi kkundannata thallas lilha s-somma ta’ elfejn tmien mija u wiehed u disghin Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€2891.88) rapprezentanti hlas dovut ghal servizzi rezi konsistenti f’garr ta’ skart. Dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet.

Ra d-digriet tieghu tat-tmintax (18) ta’ Frar tas-sena elfejn u tlettax (2013) li permezz tieghu din il-kawza giet appuntata ghas-seduta tat-tnax (12) ta’ Marzu tas-sena elfejn u tlettax (2013).

Ra l-atti kollha tal-kawza nkluzi d-dokumenti prezentati.

Sema x-xhieda bil-gurament.

Ra d-digriet tieghu tal-hdax (11) ta' April tas-sena elfejn u tlettax (2013) li permezz tieghu din il-kawza giet diferita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra.

Illi f'din il-kawza l-kumpanija konvenuta la prezentat risposta fi zmien li trid il-ligi u lanqas dehret biex tikkontesta t-talba attrici. Ir-rapprezentant tal-Koperattiva attrici ikkonferma bil-gurament li d-debitu kien ghandu dovut. Il-kapitolu prezentat ma giex ikkontestat u gie meqjus bhala mistqarr.

L-kumpanija konvenuta kellha opportunita ampja illi taghmel ir-rapprezentazjonijiet taghha f'dan il-kaz, izda madanakollu, ghazlet li tibqa kontumaci. Ghalkemm il-kontumacja hija forma ta' oppozizzjoni ma hemm xejn f'dan il-kaz li jxejjen il-prova migjuba mill-koperattiva attrici, u dan kemm ghax-xhieda tar-rapprezentant taghha u kemm ghall-ammmissjoni tacita provduta tramite il-kapitolu konsiderat mistqarr.

L-ammont pretiz johrog car a sodisfazzjoni ta' dan it-Tribunal mid-dokumenti esebiti. Stante illi l-konvenuta hija kumpanija, in-negozju de quo jikkwalifika bhala att ta' kummerc u ghalhekk l-imghaxijiet huma dekorribbli mid-data tas-servizz.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-talbiet tal-koperattiva attrici u jikkundanna lill-kumpanija konvenuta thallas lilha s-somma ta' elfejn tmien mija u wiehed u disghin Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€2891.88) bl-imghaxijiet kummercjali dekorribbli mid-data tas-servizz. L-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja msemmija fl-avviz ikunu a' karigu tal-kumpanija konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------